**16 ta' Ottubru, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Philip Degiorgio

*versus*

Kenneth Cole, għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta H.P. Cole Limited

**Bejgħ - Oġġetti Mhux Tal-Kwalita` Pattwita - Bejgħ ta' - artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili**

*F'azzjoni simili, x-xerrej għandu għażla ċara; jew jirrifjuta l-ħaġa (u hawnhekk ikun f'loku depositu ta' l-oġġetti l-Qorti) imbagħad jitlob id-danni. Alternattivament jirċievi l-ħaġa bi prezz orħos u f'dan il-każ ma hemm ebda menzjoni ta' danni fil-liġi.*

*Ix-xerrej għażel li jżomm l-oġġetti u jitlob id-danni, aġir li mhuwiex ikkontemplati fil-liġi.*

Il-Qorti:-

Din il-kawża ġiet ippreżentata fis-17 ta' April, 1986;

Fil-premessi l-attur isostni li kien xtara diversi oġġetti biex jintużaw fil-kafe` tiegħu "Cafe Rickard". Mill-bidu nett dawn l-oġġetti, jew ma ħadmux jew ma ħadmux kif suppost u għalhekk ma setgħux jintużaw għall-iskop li nxtraw. Saru tentattivi għal ftehim bonarju li ma wasslu mkien u għalhekk l-attur ippretenda

rifużjoni tad-danni fl-ammont ta' Lm3766 li kien il-prezz minnu mħallas *lill-konvenut għal dan il-makkinarju;*

Fil-premessa numru 7 taċ-ċitazzjoni jidher mill-ewwel il-*quid pro quo* ta' dina l-kawża;

"Billi l-istess konvenut mhux biss ma ħallasx l-istess danni *lill-attur, anzi istitwixxa proċeduri quddiem din il-Qorti, għal* ġbir ta' xi bilanċi mill-prezz ta' l-istess oġġetti fuq imsemmija allegatament dovuti lilu";

U dana b'referenza għall-kawża fl-ismijiet inversi ċitazzjoni numru 325/86 li ġiet deċiża llum stess;

Fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, l-konvenut jgħid li l-azzjoni attriċi hija biss "sfumatura diversa" ta' l-*actio redhibitoria* jew *aestimatoria* li issa hija estinta, peress li ż-żmien perentorju skada;

F'dan il-kuntest l-istess konvenut *nomine* huwa totalment skorrett;

Hija ċara li l-azzjoni ta' l-attur hija waħda għad-danni ibbażata fuq l-obbligu tal-venditur riżultanti mill-kunsinna u mhux minn dawk l-obbligi li jemerġu mill-garanzija li trid tingħata;

Il-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta infatti jipprovdi għal żewġ obbligi tal-bejjiegħ fl-artikolu 1378:

"*Il-bejjiegħ għandu fuq kollox żewġ obbligi, jiġifieri,* li jikkonsenja, u li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa";

Imbagħad l-istess Kodiċi jgħaddi biex jespandi fuq l-ewwel obbligu bejn l-artikolu 1379 u 1477, mentri jitkellem dwar it-tieni obbligu mill-artikolu 1408 sa l-artikolu 1432;

L-azzjonijiet li qed isemmi l-istess konvenut fin-nota tiegħu huma dawk li isegwu xi difetti latenti f'oġġetti mibjugħa u li żgur fiċ-ċirkostanzi mhumiex applikabbli fil-każ preżenti, fejn l-oġġetti sa mill-bidu nett urew id-difetti li kellhom;

Fit-12 ta' Diċembru, 1989 il-konvenut *nomine* eċċepixxa ulterjorment:

"L-irritwalita` taċ-ċitazzjoni stante illi t-talba għal ħlas tad-danni mhijiex preċeduta b'talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita`";

Anke f'din il-kawża bħal fil-kawża l-oħra ġie nominat inizzjalment Dottor Simon Tortell bħala perit legali fl-1 ta' Ġunju, 1987, li eventwalment wara diversi snin fl-4 ta' Marzu, 1994 ġie sostitwit bil-perit legali Dr. Tonio Mallia;

Jiswa illi anke f'din il-kawża tiġi kkwotata il-konklużjoni peritali:

"Jidher pero`, li l-attur istitwixxa l-azzjoni taħt l-artikolu 1390, iżda biex tirnexxi din l-azzjoni, ix-xerrej irid jirrifjuta l-oġġetti u jitlob id-danni. Ma jistax iżomm u anke jiddisponi mill-oġġetti li xtara u jitlob id-danni. L-attur mhux qed jagħmel l-azzjoni għat-tnaqqis fil-prezz, għax qed jitlob speċifikatament il-ħlas "ta' danni", imma biex tirnexxi din l-azzjoni irid ikun hemm ir-rifjut ta' l-oġġetti. Kompratur ma jistax iżomm il-merċi li huwa qiegħed jilmenta dwarhom u, fl-istess ħin, jitlob id-danni. Ara **Bezzina** ***noe vs*** **Borda** ***noe et***, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Novembru, 1990, **Attard** ***vs*** **Direttur**

**ta' l-Edukazzjoni** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru, 1992 u **Mifsud *vs* Schembri *noe*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' Novembru, 1993. Dan il-prinċipju ġie enunċjat ukoll mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Borg *vs* Xuereb** *deċiża fil-25 ta' Jannar, 1989, fejn intqal li* xerrej jista' jxolji l-kuntratt jekk l-oġġett mhux skond il-ftehim, pero`, ma jistax jitlob dan id-dritt bil-fatt tiegħu stess, bħal meta *jaċċetta il-konsenja u wara li jsir jaf bid-difetti, jibqa'* jżomm il-ħaġa (hekk ukoll intqal minn din l-Onorabbli Qorti, fil-kuntest ta' l-*actio redhibitoria* konsegwenza ta' difetti latenti, fil-kawża **Gauci Borda *vs* Buhagiar** deċiża fit-12 ta' Ġunju, 1992)";

*U kien għalhekk li l-perit eventwalment ikkonkluda:*

"Filwaqt li t-talba ta' l-attur f'din il-kawża (365/86) għandha tiġi *miċħuda*";

Din il-konklużjoni peritali hija providenzjali għall-konvenut *nomine*, għax minkejja li n-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tiegħu kien avviċina biex jirribatti it-teżi attriċi dan xorta ma għamlux għax effettivament ma fehemx il-bażi legali ta' l-azzjoni attriċi;

Ir-rapport peritali hija prova li tinstab fil-proċess u trid għalhekk tiġi kkunsidrata mill-Qorti:

A bażi ta' dan ir-rapport u tal-provi miġbura, pero` partikolarment a bażi ta' l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti taqbel li t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa;

"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ jġib biex jikkonsenja ma tkunx tal-kwalita` imwegħda jew ma tkunx bħal kampjun li fuqu il-bejgħ *ikun* sar ix-xerrej jista' jagħżel jew jirrifjuta l-ħaġa u

jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti";

Ix-xerrej f'dan il-każ kellu xelta ċara, jew jirrifjuta l-ħaġa (u hawnhekk kien ikun floku depositu ta' l-oġġetti l-Qorti) imbagħad jitlob id-danni, jew jirċievi l-ħaġa bi prezz orħos, u f'dan il-każ ma hemm ebda menzjoni ta' danni fil-liġi;

Invece x-xerrej għażel li jżomm l-oġġetti u jitlob id-danni, aġir li mhuwiex ikkontemplat fil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet attriċi jridu bilfors jiġu miċħuda;

Minħabba pero' dak li fuq intqal il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ l-ispejjeż għandhom jinqasmu nofs bin-nofs.